**Laqgha Numru 03/K7/2013**

**Introduzzjoni**

It-Tielet Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar l-Erbgha 24 ta' April 2013.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.15 pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillieri Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Ghall-laqgħa, fuq talba tal-Kunsill kienet prezenti wkoll l-accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-16 ta' April 2013. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 01/K7/2013.**
**02. Punti li johorgu mill-Minuti 01/K7/2013.**
**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
**05. Mistoqsijiet.**
**06. Korrispondenza.**
**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
**09. Rapport Finanzjarju Jannar – Marzu 2013.**
**10. Kwotazzjonijiet 01/2013 u Tenders 01 sa 06/2013.**
**11. Kuntratt ma' GreenPak.**
**12. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
**13. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 01/K7/2013.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 01/K7/2013 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Is-Sindku Dean Hili ppropona sospenzjoni ta' l-agenda biex item 9 jigi diskuss qabel item 2.

1.05. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

1.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Rapport Finanzjarju Jannar – Marzu 2013.

9.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill kopja tar-Rapport Finanzjarju Jannar – Marzu 2013. **(Dok. A)**

9.02. Is-Sindku Dean Hili talab lill-accountant Romina Perici Ferrante biex taghti l-ispjega taghha.

9.03. L-Accountant Romina Perici Ferrante spjegat lill-Kunsill id-dhul u nfieq li kien hemm fil-perjodu kif ukoll indikazzjoni tal-finanzi disponibbli li ghandu l-Kunsill.

9.04. Wara mistoqsijiet li saru kif ukoll diskussjoni bejn il-membri prezenti, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tar-rapport Finanzjarju ghall-perjodu Jannar – Marzu kif ipprezentat.

9.05. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

9.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.07. Fis-7.00pm l-accountant Perici Ferrante skuzat ruhha u halliet il-kamra.***

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 01/K7/2013.

2.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 03. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Memo 012/2013 -** Bord ta’ l-Ghazla Tender 05 &06/2013 & Qt 01 sa 03/2013 **(Dok. B); Memo 013/2013 -** Attivita' Hamis ix-Xirka **(Dok. C); Memo 014/2013 -** Rapport tal-ftuħ ta' Tenders 01 sa 04/2013 **(Dok. D); Memo 015/2013 -** Laqgha ma' Absolute Cleaners **(Dok. E); Memo 016/2013 -** Laqgha ma' Absolute Cleaners **(Dok. F); Memo 017/2013 -** Laqgha informali **(Dok. G); Memo 018/2013 -** Rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 01/K7/2013 u 03/K7/2013 **(Dok. H) u Memo 019/2013 -** Lista ta' laqghat li saru 01/K7/13 u 03/K7/13 **(Dok. I).**

3.02. B’riferenza ghall-Memo 17/2013, il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill japprova l-punti kollha li gew diskussa u maqbula halli s-Segretarju Ezekuttiv ikun jista’ jipprocedi nkluz li jingabru l-offerti li hemm bzonn b’urgenza.

3.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05. Il-Kunsillier Mark Causon ghamel rimarki dwar Internal Memo 16/2013 fejn xtaq ikun jaf jekk kienx hemm xi zviluppi pozittivi minnaha tal-kuntrattur.

3.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg wiegeb li l-Kunsill ma rcieva xejn gdid minghand il-kumpanija Absolute Cleaners abbazi ta’ dak li kien gie mwieghed fil-laqghat li saru.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-21 ta' Marzu u l-24 ta' April 2013 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/1622/13/I** **01/04/2013** Topographic Survey mibghut mill-MEPA fuq Triq Gabriele Henin.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1622/13/I** is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill qabel jipprocedi fuq is-suggett.

6.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1709/13/I** **02/04/2013** Email minghand Ms. Jeanette Attard Portelli fejn talbet sabiex tinstab soluzzjoni sabiex ma jsirux iktar U Turn quddiem ir-residenza taghha fi Triq l-Imhallef William Harding.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1709/13/I** wara diskussjoni li saret, is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jinforma lis-sinjura li l-Kunsill ser jaghmel spezzjoni fuq il-post biex jara jekk hemmx xi soluzzjonijiet, ghalkemm jidher li l-Kunsill precedenti ghamel dak kollu li seta' u ghalhekk ir-resident ghandu gentilment jintalab iforni lill-Kunsill b'xi soluzzjonijiet alternattivi li jahseb li jistghu jsiru.

6.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1862/13/I** **09/04/2013** Ittra minghand persuna anonima fejn nformat lill-Kunsill li ta' Blokk 5, Hse 8, Triq il-Profs. Walter Ganado minn tieqa fetah gallarija u li ta' Blokk 5, Hse 3 u 5 fethu tieqa minn gewwa l-garaxx ghan-naha ta' wara u dahlu f'garaxx numru 8. (it-tnejn minghajr permess ta' hadd)

6.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1862/13/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li kopja ta' din l-ittra ghandha tintbghat lill-Awtorita' tad-Djar.

6.09. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1889/13/I** **09/04/2013** Email minghand Ms. Maria Sciberras fejn b'riferenza ghall-kwotazzjoni 16/2012 dwar organizazzjoni ta' kors ta' nutrition talbet sabiex il-Kunsill jinfurmha jekk il-kors hux ser isir u jekk iva meta.

6.11. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1889/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li dan il-kors ma jsirx minhabba li fil-futur ser isiru korsijiet ohra simili mill-Health Promotion Unit, liema korsijiet ser ikunu minghajr hlas.

6.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1893/13/I** **09/04/2013** Kwotazzjoni minghand l-Inserv ghal magna li ticcekja l-flus (soldi smart) ghall-ammont ta’ €105 inc VAT + l-update ghall-prezz ta’ €23.48 inc VAT.

**46/2168/13/I** **19/04/2013** Stqarrija minghand il-Bank Centrali dwar l-introduzzjoni ta’ karti godda b’effett mit-2 ta’ Mejju 2013 ta’ l-Euro.

6.14. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1893/13/I u 46/2168/13/I** il-membri prezenti qablu li ghandhom jingiebu aktar offerti.

**46/2116/13/I** **17/04/2013** Email mill-MEPA fejn informaw lill-Kunsill li taht il-fondi tal-UIF sa l-ahhar ta' Marzu 2013 il-Kunsill ghandu l-ammont ta' €20,847.58 disponibbli ghall-lokal ta' Pembroke.

**46/2137/13/O** **17/04/2013** Email li l-Kunsill baghat lill-Kunsilliera bl-informazzjoni fuq l-uzu tal-UIF Funds.

**46/2138/13/I** **17/04/2013** Email minghand il-MEPA rigward il-fondi tal-UIF fejn informaw lill-Kunsill li l-ammont ta' €20,847.58 huwa apparti l-progetti li hemm ga approvat mill-kumitat tal-UIF (Gnien Camillo Sciberras) u baghtet guidelines.

**46/2049/13/I** **15/04/2013** Skema accessibilita’ – Id-DGL informa lill-Kunsill l’approvaw it-talba tal-Kunsill dwar l-estenzjoni ta' Memo 7/2010.

6.15. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2116/13/I, 46/2137/13/O, 46/2138/13/I u 46/2049/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li dawn il-fondi tal-UIF, ghandha ssir talba lill-MEPA biex jintuzaw ghall-upgrading ta’ Gnien 4 ta’ Lulju.

6.16. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2154/13/I** **18/04/2013** Email minghand l-OSDDT fejn b'riferenza ghall-ahhar laqgha li ser issir gewwa Turin talbu biex xi hadd mill-MEPA jew MTA ikun prezenti.

**46/2158/13/O** **18/04/2013** Email li l-Kunsill baghat lis-sur Jesmond Xuereb fejn tlabnih jikkomunika ma' Dr. Saviour Formosa jew persuna ohra mill-MEPA sabiex jitla’ l-konferenza ta' l-OSDDT.

**46/2231/13/I** **22/04/2013** OSDDT – Alpine Travel - Kwotazzjoni ghal Turin bejn it-12 u l-16 ta' Mejju €275.57 kull persuna u bejn l-14 u 16 ta' Mejju €189.57 il-persuna.

**46/2233/13/I** **22/04/2013** OSDDT – Untours Ltd. - Kwotazzjoni ghal Turin bejn it-12 u l-16 ta' Mejju ghall-prezz ta' €265 kull persuna.

**46/2234/13/I** **22/04/2013** OSDDT – Untours Ltd. - Kwotazzjoni ghal Turin bejn l-14 u s-16 ta' Mejju ghall-prezz ta' €180 kull persuna.

**46/2310/13/I** **24/04/2013** OSDDT – Edreams. - Kwotazzjoni ghal Turin bejn it-12 u l-16 ta' Mejju €269.57 kull persuna u bejn l-14 u 16 ta' Mejju €191.86 il-persuna.

**46/2236/13/I** **22/04/2013** OSDDT – Print Art - Kwotazzjonijiet varji ghal bow flags.

6.18. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2154/13/I, 46/2158/13/O, 46/2231/13/I, 46/2233/13/I, 46/2234/13/I, 46/2236/13/I u 46/231013/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jkun rapprezentat ghal din il-konferenza ta’ l-OSDDT f’Turin mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, il-Kunsillier Mark Causon u l-konsulenti Dr. Saviour Formosa u Dr. Alberto Nuozzi.

6.19. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.21. Dwar il-Bow flags is-Sindku Dean Hili ppropona li jingabru kwotazzjonjiet ohra u tinghazel l-irhas offerta.

6.22. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2057/13/I** **15/04/2013** Email minghand l-AKL jinfurmaw lill-Kunsill li l-Gimgha 31 ta' Mejju u s-Sibt 1 ta' Gunju 2013 ser tkun organizzata l-laqgha ghas-Sindki u l-Vici Sindku gewwa Calypso Hotel Marsalfron Ghawdex.

6.24. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2057/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jippartecipa f’din il-konferenza permezz tieghu u tal-Vici Sindku.

6.25. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2228/13/O** **22/04/2013** Email mibghuta lill-membri kollha tal-Kunsill dwar il-gbir ta’ bulky refuse minn Juno flats fejn saru lmenti li l-iskart qed jinhareg il-Gimgha filghodu u mhux ftit minuti qabel ma jigi l-kuntrattur.

6.27. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2228/13/O** il-membri qablu li kull min jordna s-servizz ghandhu jintalab johrog l-iskart kemm jista’ jkun tard biex jigu evitata sitwazzjonijiet simili.

**46/2270/13/I** **23/04/2013** Email minghand Primary Health Care jinfurmaw lill-Kunsill li t-talks hemm il-hsieb li jibdew f'nofs jew fl-ahhar ta' Mejju u ser tibghat timetable ladarba jkollhom konferma mill-speakers.

6.28. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2270/13/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jippartecipa f’dan il-programm.

6.29. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2302/13/I** **24/04/2013** Stima minghand Demsey Aluminium biex isiru insect screens fit-twieqi kollha tal-Kunsill u dan ghall-prezz ta’ €339.84.

6.31. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2302/13/I** il-membri prezenti qablu li ghandhom jingiebu aktar offerti.

**46/2308/13/I** **24/04/2013** Email minghand TCTC jinfurmaw lill-Kunsill li qed joffru li jaghmlu l-kors IKIDS minghajr hlas ghajr ghall-hlas ta’ posta biex jitqassam il-materjal u l-assigurazzjoni ta’ l-apparat.

6.32. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2308/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din l-inizjattiva nkluz li TCTC jintalbu jiprovdu aktar informazzjoni kif ser isir il-kors.

6.33. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2327/13/I**
**25/04/2013**
Email minghand TM fejn b'riferenza ghall-email tal-Kunsill rigward id-double yellow line fi Triq ANZAC informaw lill-Kunsill li ma jsibux oggezzjoni ghall-perjodu ta' prova ta' xahar mill-implimentazzjoni.

6.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2327/13/I** il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li l-Kunsill japprova li jigu nstallata tabelli fi Triq ANZAC u jsiru r-road markings approvata.

6.36. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jorganizza coffee morning ghal Jum l-Omm nhar il-Hamis 9 ta' Mejju 2013.

8.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Kwotazzjonijiet 01/2013 u Tenders 01 sa 06/2013.

10.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona sospenzjoni ta' l-agenda bex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla u jkunu jistghu jigu diskussa l-offerti.

10.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***10.04. Il-laqgha giet sospiza fit-8.55pm.***

***10.05. Il-laqgha tkompliet fid-9.40pm.***

10.06. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Quote 01/2013 – Provvista u nstallazzjoni ta' zewg picnic tables** minhabba li prezentament il-fondi tal-Kunsill ma jippermettux din in-nefqa, dawn m'ghandhomx jinxtraw minhabba prijoritajiet ohra li ghandu l-Kunsill.

10.07. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.09. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Tender 01/2013 – Tender for Provision of Legal Consultant Services** ghandha tinghata lil **Alexia Joy Farrugia Zrinzo & Stefan Zrinzo Azzopardi** abbazi li filwaqt li kemm huma kif ukoll Dr. Luciano Busuttil offrew l-istess prezz, il-Bord huwa ta' l-

opinjoni li x-xoghol ser isir minn zewg avukata u ghalhekk iktar jistghu ikunu disponibbli. Il-kelliem irrimarka li l-Bord innota wkoll li l-offerta ta' Dr. Davinia Cutajar ma gietx ikkunsidrata minhabba li mill-offerta jirrizulta li m'ghandiex esperjenza u kellha dokumenti neqsin.

10.10. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.12. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Tender 02/2013 – Tender for Provision of Qualified Accountant Services** ghandha tinghata lil **Mrs. Romina Perici Ferrante** abbazi li ghandha aktar esperjenza mill-irhas offerent.

10.13. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.15. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Tender 03/2013 – Tender for The Provision of Bulky Waste Collection Services in an environmentally friendly manner** ghandha tinghata lil **Carmel Mifsud** abbazi li l-offerti ta' Mary Mazzitelli u Lino Micallef ghandhom jigu skartata minhabba li kellhom dokumenti neqsin.

10.16. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.18. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li **Tender 04/2013 – Tender for Watering of Trees using environmentally friendly practices,** l-offerti ghandhom kollha jigu skartata minhabba li ebda offerta ma kienet kompluta.

10.19. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.21. B'riferenza ghal **Tender 05/2013 – Tender for Upgarding Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta using environmentally friendly materials,** is-Sindku Dean Hili ppropona li din ghandha tigi diskussa f'laqgha ohra wara li l-Kunsill ikun iltaqa' mal-Perit.

10.22. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.24. B'riferenza ghal **Tender 06/2013 – Tender for Upgarding Gnien 4 ta' Lulju using environmentally friendly materials,** is-Sindku Dean Hili ppropona li din ghandha tigi diskussa f'laqgha ohra wara li l-Kunsill ikun iltaqa' mal-Perit.

10.25. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Kuntratt ma' GreenPak.

11.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill kopja tal-kuntratt propost minn GreenPak. **(46/0296/13/I)**

11.02. Is-Sindku Dean Hili ppropona li dan il-kuntratt ghandu jigi mgedded kif prezentat u dan fid-dawl li l-Kunsill jidher li ma kellux problemi fil-passat inkluz ukoll li dan il-kuntratt ma jiswa ebda flejjes lill-Kunsill.

11.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Approvazzjoni tal-kontijiet.

12.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Dok. J, K, L u M)**

***12.02. Wara battibekk bejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, fl-10.50pm il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tigi skuzata u halliet il-kamra.***

12.03. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet kollha kif prezentata, il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata, ghajr tal-kumpanija Absolute Cleaners fejn ippropona li t-tnaqqis mill-kont kollu ghandu jkun ta' 75%, jigifieri aktar minn dak irrakkomandat mill-CM. Il-kelliem ippropona li dan it-tnaqqis ghandu jigi riflett ukoll fil-kont tal-CM Raphael Carabott minhabba li huwa jithallas persentagg ta' dak li jithallsu l-kuntratturi.

12.04. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

12.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.06. B'riferenza ghall-kontijiet is-Sindku Dean Hili ppropona, li meta jintbaghat ilment lill-kumpanija Absolute Cleaners, dawn ghandhom jintalbu jwiegbu u jiehdu azzjoni fi zmien 24 siegha. Il-kelliem irrimarka li kemm il-darba dan ma jsehhx, il-Kunsill qed japprova minn issa li ghandha tinhareg default notice immedjatament fuq kull ilment.

12.07. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Materji ohra.

13.01. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fil-11.30pm wara lintlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm.

| Dean Hili | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |